MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Appell Civili Numru. 64/2010/1

**Anthony Seychell**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru u Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kostituzzjonali fuq indikat datat id-9 ta' Novembru 2010, li l-fatti rilevanti tieghu gew esposti mill-ewwel Qorti bil-mod segwenti:

"Illi r-rikorrenti qed jiskonta sentenza ta' prigunerija minhabba koltivazzjoni ta' *cannabis*;

“Illi dan jidher li kien isofri mid-dipressjoni b’mod kroniku, liema kondizzjoni jidher li aggravat fl-2004 minhabba ugiegh fis-sinsla ta’ dahru, kif ukoll kien ibati bix-xatika. Illi qabel l-2004 kien jikkoltiva l-*cannabis* biex juza l-aktar parti effikaci minnha u kien jikkonsma madwar 3.5 gramma kuljum;

“Illi wara nvestigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija fil-25 ta’ Gunju, 2004, fir-residenza tar-rikorrenti nstabu kwantita` ta’ pjanti tal-*cannabis* koltivati fi qsari fuq il-bejt flimkien ma’ weraq li kienu qed jigu processati;

“Illi nstab ukoll mizien li bih ir-rikorrenti kien jipprepara d-dozi ta’ onca –il wahda li kienet isservieh ghal gimgha. Illi fil-kcina tal-istess residenza nstabet ukoll kwantita` ta’ zerriegha tal-*cannabis* stante li kien iwarrab il-parti ta’ fuq nett tal-pjanta u z-zerriegha jpoggiha go tilar. Illi hu ma kienx jarmi z-zerriegha biex ma’ taqax f’idejn haddiehor;

“Illi l-kont bankarju tieghu gie skrutinat skont il-ligi;

“Illi sussegwentement gie akkuzat b’koltivar u b’pussess tal-*cannabis* meta ma kellux id-debita awtorizzazzjoni skont il-ligi, b’dan ukoll li r-reat sar taht cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

“Illi b’sentenza tal-Qorti Kriminali datata l-5 ta’ Marzu, 2008, ir-rikorrenti nstab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kien ikkundannat ghal tnax (12) –il sena prigunerija u ghal multa ta’ hamsa u ghoxrin elf Ewro, (€25,000.00), konvertibbli fi tmintax (18) –il xahar prigunerija, *oltre* l-ispejjez tal-proceduri nvoluti u di piu`, giet ordnata ukoll il-konfiska tal-oggetti nvoluti fir-reat u tal-flejjes u l-proprjeta` mobbli w immobbli tar-rikorrenti, *oltre* ovvjament id-distruzzjoni tad-droga misjuba;

“Illi s-sentenza pre-citata giet ikkonfermata *in toto* fl-appell bis-sentenza datata t-12 ta’ Marzu, 2009. Illi t-talba ghall-mahfra Presidenzjali giet rifjutata;

"Illi r-rikorrenti qieghed hawn jallega vjolazzjoni tal-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali – senjatament id-dritt ghall-liberta` personali u ghas-smiegh xieraq;

"Illi tali lment jinqasam fis-segwenti kapi differenti:

A. <u>Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:</u>

L-Akkuza indirizzata mill-Avukat Generali;

"1. Illi r-rikorrenti gie akkuzat b'pussess tal-*cannabis* li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

"2. Illi dan gie robustament oggezzjonat mir-rikorrenti li b'qawwa jsostni li dan kien ghall-uzu tieghu b'mod esklussiv;

"3. Illi jakkuza lill-Prosekuzzjoni b'abbuz tal-funzjonijiet taghha meta akkuzat lir-rikorrenti b'fatti li kienet taf li kienu: "assolutament inveritjeri" … ma kienx hemm l-icken prova taghhom … kienu intizi biex jisgwidaw lill-gurati", (ara fol 3);

"4. Illi fil-process ma tezisti l-ebda prova li r-rikorrenti kien ibiegh id-droga li kellu;

"5. Illi s-sejbien ta' htija kien ibbazat principalment fuq provi li ma jezistux fil-process u ghalhekk ir-rikorrenti jsostni li hemm vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu 6 fuq riferit;

"Id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali:

"i. Illi l-ligi prezenti tippermetti diskrezzjoni assoluta lill-Avukat Generali li jaghzel il-forum li hu jidhirlu idoneu;

"ii. Illi din id-diskrezzjoni effettivament twassal ghal differenza fit-trattament, liema ghazla la hi ragonevoli u lanqas proporzjonata;

“Il-metodologija wzata biex id-droga tingieb quddiem il-gurati:

“i. Illi waqt il-process gudizzjarju fi *prima istanza* jidher li gew sottomessi verzjonijiet differenti lill-gurija rigward il-boroz bid-droga li nstabu ghand ir-rikorrenti;

“ii. Illi jidher li l-prosekuzzjoni rat li dawn kienu maghluqin lesti ghall-bejgh, mentri d-difiza sostniet li dawn kienu miftuhin u ghall-uzu esklussiv tieghu;

“iii. Illi jidher li f’dik il-procedura hadd ma seta’ jghid minn ghalaqhom;

“Il-mod kif gie trattat ir-rikorrenti fil-Guri:

“i. Illi allegatament l-imhallef involut akkuza lir-rikorrenti quddiem il-gurati li kien qed “jigdeb”, (ara fol 4);

“ii. Illi dan sehh waqt il-kontroezami tar-rikorrenti;

“iii. Illi c-cirkostanzi in kwistjoni sehhew meta l-prosekuzzjoni staqsiet lir-rikorrent domanda biex tkun taf ghalfejn kien hemm borza tal-plastik issigillata lesta ghal terzi, u r-rikorrenti wiegeb li l-boroz ma kienux issigillati, (ara fol 4);

“iv. Illi l-qorti hawnhekk ordnat li jigu esebiti d-dokumenti relattivi fejn effettivament instab li l-boroz in kwistjoni kienu ssigillati;

“v. Illi hawnhekk l-imhallef involut stieden lill-gurati jivverifikaw huma stess dan il-fatt;

“vi. Illi meta l-istess imhallef, kif ghandu kull obbligu, staqsa xi domandi lir-rikorrenti fir-rigward, gibed l-attenzjoni tal-istess rikorrenti li meta wiegeb fir-rigward ftit qabel, hu kien effettivament gideb, (ara fol 5);

“vii. Illi jidher li dan ir-riskontru gie aktar tard fil-procedura wkoll sottolineat mill-prosekuzzjoni;

"viii. Illi r-rikorrenti jhossu zvantaggjat b'tali agir u b'hekk jirrikjama l-vjolazzjoni fuq riferita;

"Il-piz u l-kwantita` nvoluta:

"i. Illi dawk maghmula mill-espert tal-qorti huma zbaljati;

"ii. Illi *di piu`*, dawk tal-prosekuzzjoni huma wkoll zbaljati stante li kkonkludiet li r-rikorrenti kellu bizzejjed weraq tal-*cannabis* biex iservuh ghal tlett (3) snin u nofs;

"Il-piena nflitta;

"ii. Illi r-rikorrenti nforma lill-qorti tat-tieni stanza li ma kienx ibiegh id-droga lil terzi;

"iii. Illi ma kienx hemm prova li d-droga in dizamina ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

"iv. Illi f'pajjizi ohra din id-distinzjoni bejn uzu esklussiv u traffikar issir u tattira trattament legali differenti;

"v. Illi l-istess Qorti tal-Appell sostniet li "ma ngabux provi li l-appellant biegh jew ikkonsenja … mill-*cannabis* li kellu …", (ara fol 9);

B. <u>Artikolu 5 tal-Konvenzjoni:</u>

"i. Illi stante li allura r-rikorrenti nstab hati hazin fuq akkuzi ta' pussess aggravat, qed jiskonta piena ta' prigunerija ingustament;

"ii. Illi dan jivvjola d-dritt tieghu ghall-liberta` personali;

"iii. Illi ghalhekk il-holma tar-rikorrenti li jifforma familja sfumat;

"U ghalhekk, filwaqt li taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq tad-dispozizzjoni hawn taht imsemmija, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li r-rikorrent sofra vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) mill-hrug tal-att tal-akkuza li bih gie addebitat lilu r-reat dedott fit-tieni kap sas-sentenza finali fi grad ta' appell u kif ukoll vjolazzjoni tad-dritt ghal-liberta` personali ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, u tordna tnaqqis sostanzjali fil-piena inflitta jew tordna illi l-kaz jigi mibghut lura quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali biex l-appell tieghu jinstema' mill-gdid. Barra minn hekk, l-esponent jitlob li jinghata lilu kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet sofferti u ghall-konsegwenzi taghhom fuq hajtu. Barra minn hekk, l-esponent jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara antikostituzzjonali u leziv tal-garanzija ta' smiegh xieraq is-subinciz (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaghti lill-Avukat Generali s-setgha u diskrezzjoni assoluta li jaghzel minn liema Qorti jigi ttrattat u ggudikat il-kaz u illi, ma' individwu li fil-pussess tieghu nstabu 38 pillola Ecstacy, jittratta bi procedura sommarja billi l-kaz tieghu jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati, fejn jigi kkundannat ghall-piena ta' 8 xhur prigunerija (**Pulizija vs Jonathan Mifsud**, Appell Kriminali, deciz 27 ta' Ottubru 2010), u mal-esponent billi jghaddih guri u l-piena tkun dik ta' tnax-il sena prigunerija, huwa antikostituzzjonali ghaliex hu diskriminatorju fl-istruttura u kif ukoll fl-applikazzjoni tieghu."

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:
"… … … l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma fis-sens illi bil-hrug ta' l-att ta' l-akkuza li bih gie addebitat lilu r-reat dedott fit-tieni kap tas-sentenza finali fi grad ta' appell l-istess rikorrent sofra vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) kif ukoll allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal-liberta` personali ai termini ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319).

“Illi l-esponenti jissottomettu illi l-istess pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

“1. In linea preliminari, ir-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi huwa qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. F'dan ir-rigward l-esponenti jaghmel riferenza ghall-proviso ta' l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Illi kif jirrizulta mir-rikors promutur, ir-rikorrenti kien ins tab hati permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-5 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Seychell' liema sentenza giet konferrnata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali permezz ta' sentenza tat-12 ta' Marzu 2009. L-esponenti jissottomettu illi l-kwistjonijiet li qed iqajjem ir-rikorrenti huma kwistjonijiet li kellhom jitqajjmu fil-guri u cioe' kwistjonijiet relatati ma' l-elevazzjoni, kustodja u l-prezentazzjoni tal-pjanta cannabis u kalkoli dwar il-piz u l-kwantita'. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti kellu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu.

“2. Illi in linen preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni stante li mhux ghajr appell mid-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-12 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet ''Ir-Repubblika ta' Malta vs Tnhony Seychell'. Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.

“3. Illi in linea preliminari wkoll, il-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

“**Ebda ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem**

"Illi effettivament l-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Illi kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali semghu l-ilmenti kollha tar-rikorrent u ddecidew skond il-ligi. Il-fatt illi l-ilmenti tar-rikorrent ma gewx milqugha ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet fundamentali:

"L-esponenti jissottometti illi l-motivazzjonijiet u l-konkluzjonijiet li waslu ghalihom kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kienu r-rizultat ta' accertament probatorju xieraq li ma ntweriex li kiser xi prezunzjoni ta' innocenza ta' l-istess rikorrent.

"Is-semplici fatt illi Ligi tirrikjedi mekkanizmu procedurali tal-glib ta' l-oneru tal-prova li jibda jsehh matul il-kors ta' procedimenti ta' natura penali b'ebda mod ma din il-Ligi tinnewtralizza l-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-imputat jew akkuzat matul l-istadji tal-process kriminali.

"Illi l-funzjoni ta' l-Avukat Generali mhix sinonima mal-funzjoni tal-gudikant. Il-fatt illi l-Avukat Generali ghandu diskrezzjoni fejn jista' jaghzel quddiem liema qorti tkun ser jisma' l-kaz ma jfissirx illi b'xi mod l-Avukat Generali jikkonverti furhu f'Imhallef jew Magistrat.

"Il-Qorti Ewropeja f'diversi okkazjonijiet ippronunzjat ruhha dwar it-tifsira ta' Qorti indipendenti u imparzjali u fl-ebda okkazjoni ma sabu illi l-funzjoni li minnha qieghed jillamenta r-rikorrenti hija in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"Illi l-Avukat Generali ma ghandu l-ebda poter jew kontroll fuq jekk akkuzat jinstabx hati jew le u dana peress illi tali decizjoni tittiehed mill-organu kompetenti illi hija il-Qorti. Diversa kienet tkun is-sitwazzjoni li kieku l-Avukat Generali kellu l-poter illi jiddetermina huwa stess il-htija o meno tar-rikorrent.

"Illi in vista tas-suespost ma hemm ebda ksur ta' dana l-Artikolu.

“**Allegata vjolazzjoni ta' l-Artikolu 5 tal-Konvezjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem**
“Illi d-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra ruhha taht wahda mill-eccezzjonijiet li tipprovdi ghalihom it-tieni parti tas-subiniz ta’ l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u stante illi tinkwadra ruhha fl-Artikolu 5 (1) (a) li senjatament jipprovdi illi '(a) id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuna wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti’.

“Illi in vista tas-suespost ma hemm ebda ksur ta' dana l-Artikolu.

“Salv eccezzjonijiet ul terjuri.

“Bl-ispejjez.”

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati li biha essenzjalment immotivaw ahjar ir-risposta precedenti taghhom;

Rat id-digriet li tat l-ewwel Qorti fit-12 ta’ Frar, 2013 (meta l-kawza kienet diga` differita ghas-sentenza) li bih cahdet talba tar-rikorrent biex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tizdied lanjanza dwar vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Marzu, 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“… … filwaqt li tqis li l-azzjoni odjerna fil-fatt tirrazenta l-frivolozita` u l-vessatorjeta`, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti u tenut kont li in vista tal-premess, m’ghandhiex il-htiega li tindirizza l-kwistjoni rigwardanti d-diskrezzjonalita` tal-Avukat Generali fi proceduri in kwistjoni:

“1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

“2. Takkolji t-talbiet l-ohra kollha tal-intimat Avukat Generali;

“3. Bl-ispejjez rimanenti kontra r-rikorrenti Anthony Seychell.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi preliminarjament din il-qorti qed tindirizza s-segwenti kwistjonijiet ta’ natura preliminari:

“1. Ir-rimedju ordinarju lir-rikorrenti naqas li jindirizza qabel ma intraprenda l-procedura odjerna;

“2. Illi l-procedura odjerna hi frivola u vessatorja; u

“3. Illi l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur;

“4. Illi l-lanjanzi l-ohra huma dipendenti mill-ezitu tas-suespost;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward l-ewwel eccezzjoni hekk sollevata jirrizulta s-segwenti:

“1. Illi jidher li r-rikorenti ghadda biex jintavola r-rikors kostituzzjonali in dizamina wara li t-tentattiv tieghu li jaqleb il-verdett u s-sentenza tal-prim’istanza innaufraga fl-istadju ta’ appell u fl-istadju extra-gudizzjarju fuq riferit;

“2. Illi l-lanjanzi sollevati fuq riferiti facilment setghu jigu hemm indirizzati u effettivament epurati gudizzjarjament, senjatament dawk rigwardanti l-elevazzjoni tal-*cannabis* misjub fir-residenza tar-rikorrenti; il-prezentazzjoni tal-istess fl-atti tal-procedura kriminali – anke fil-livell tal-Istruttorja; u dawk rigwardanti l-kalkolu tal-piz u tal-kwantita` tad-droga misjuba ghand l-istess;

“3. Illi jirrizulta assodat li effettivament dawn il-lanjanzi kollha gew debitament epurati fil-guri in dizamina u fl-appell konsegwenzjali;

“4. Illi ghandu hawn jigi sintetikament sottolineat li r-rimedju odjern – dak kostituzzjonali – m’ghandu qatt jigi ntiz bhala appell minn appell – haga abborranti ghas-sistema legali nostran, li hu meqjus biss bhala mezz li jistravolgi inutilment l-ordinament gudizzjarju minghajr htiega stante li alternattivi jkunu gia` gew abbandunati mill-istess rikorrenti li f’dan l-istadju ma jistax jirrimedja l-agir tieghu billi jistravolgi l-procedura b’dan il-mod;

“5. Illi ghalhekk, stante li r-rikorrenti liberament ghazel li ma juzufruwix ruhu mir-rimedji li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu qabel ma l-kaz tieghu gie deciz konklussivament, taghmel referenza ghall-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid li jekk il-qorti:

““ … tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-sub-artikolu … meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ordinarja ohra”;

“U konsegwentement tiddikjara li qed tilqa’ din l-ewwel risposta tal-intimati u tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward l-allegazzjoni li r-rikors odjern hu frivolu u vessatorju din il-qorti tikkonsidra li ghalkemm din il-procedura qatt ma missha giet indirizzata b’dan il-mod wara li r-rikorrenti sab ruhu akkollat bil-piena fuq riferita anke wara l-appell, u fejn kien missu ndirizza l-lanjanzi li hass li kellu ferm qabel, pero` ghandu jinghad li biex lanjanza tilhaq dan il-livell hawn prospettat, tirrikjedi livell ta’ inadekwatezza processwali li ma giex riskontrat f’din il-procedura, u konsegwentement qed tirrespingi din ir-risposta tal-intimati, bl-ispejjez ghall-istess kontra l-intimati;

“Ikkunsidrat:

“… … …

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward il-meritu tal-vertenza odjerna jinghad is-segwenti:

“A. Rigward l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni *de quo*:

“1. Illi l-artikolu 6 in dizamina jghid sintetikament li fid-determinazzjoni ta’ drittijiet u obbligazzjonijiet civili jew kriminali kulhadd ghandu dritt ghal:

“i. Smiegh li jkun pubbliku u gust;

“ii. Illi dan ghandu jkun fi zmien ragonevoli;

“iii. Illi ghandu jkun kondott minn tribunal indipendenti w imparzjali imwaqqaf b’ligi;

“2. Illi ghandu jkun pacifiku li mir-rizultanzi riskontrati l-fatti li gew l-ewwel darba ghad-dawl fil-25 ta’ Gunju, 2005, gew deciz f’guri fil-5 ta’ Marzu, 2008, u fl-appell fit-12 ta’ Marzu, 2009;

“3. Illi ghalhekk il-kwezit taz-zmien ragonevoli jirrizulta abbundantement assodat;

“4. Illi l-istess proceduri gew decizi minn qrati mwaqqfa b’ligi li huma kemm pubblici, kemm imparzjali, kif ukoll indipendenti;

“5. Illi ghalhekk anke dawn il-kweziti gew kollha sodisfatti;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghalhekk jonqos biss li jigi epurat il-kwezit rigwardanti jekk il-proceduri in dizamina – partikolament dawk tal-guri – kienux effettivament gusti skont il-ligi;

“Illi l-qorti odjerna kellha wkoll l-okkazjoni li flimkien mal-partijiet ezaminat il-filmati, (diski elettronici), tal-guri in dizamina;

“Illi tul id-diversi udjenzi rizervati ghall-istess vizjoni din il-qorti ma setghet tirriskontra xejn li ma kienx fil-parametri koncessi mill-ligi f’kawzi ta’ din ix-xorta fejn il-kontenzjuz jista’ jilhaq livelli pjuttost robusti;

“Illi l-allegazzjoni li kemm il-qorti ta’ prim’ istanza u l-prosekutur setghu uzaw kliem li ma kien xejn hlief pregudikanti ghar-rikorrenti ma jistax jigi akkollat bhala abbuziv tal-istess qorti jew prosekutur stante li kien l-istess rikorrenti li, bid-domandi inkalzanti  li kienu fid-dmir li jindirizzaw fid-direzzjoni tieghu, inqabad f’inezattezzi rilevanti li l-qorti kif preseduta ma kellha l-ebda ezitazzjoni hlief li tiddiskrivihom kif fil-fatt kienu rrizultaw – senjatament, gideb u xejn aktar;

“Illi kemm-il darba qorti li verament jixirqilha dak l-appellattiv thalli tali atitudini ghaddejja daqs li kieku ma kien xejn, allura veru nkunu wasalna fil-qiegh;

“Illi konsegwentement, tali qorti tkun qed tezimi ruhha mill-obbligi mposti fuqha anke mill-gurament tal-kariga, u minflok tkun qed tippermetti t-travestija tal-gustizzja billi tinjora diskrepanzi rilevanti li ma tistax tittollera li ma tirrilevax;

“Illi wara kollox ghandu jigi ribadit bi kjarezza, specjalment fir-realta` riskontrata, li l-qrati m’humiex hemm biex jinhabbu ma’ xi parti jew ohra, imma qieghdin hemm biex jamministraw il-ligi skont il-“*haqq u s-sewwa*” kif deskritt fl-istess gurament tal-hatra in dizamina;

“Illi ghalhekk, kemm –il darba tali gudikant li bl-ghaqal, bl-gherf forensiku u bl-esperjenza li jkollu, ikun rinfaccat b’tali rizultanzi li jizvijaw lil min irid jiggudika biex jimpeduh milli jaghmel id-doveri tieghu skont il-ligi u jissokkombi ghal tali rizultanzi qarrieqa, allura jkun hu li jimmerita c-censura tal-ligi u l-korla tas-socjeta`;

"Illi *di piu`*, il-meritu tal-procedura in dizamina kien jirrigwarda l-koltivazzjoni domestika tal-kannabis, li skont ir-Rapport tal-"*International Narcotics Board*", 2012, dan il-fenomenu tal-koltivazzjoni domestika mhux wiehed ta' min jiskartah jew jissorvolah superficjalment stante li qed jirrizulta minn studji appoziti li hu fenomenu pjuttost mifrux u li qed jizdied u jipprogredixxi;

"Illi dan ir-rapport isostni bi kjarezza li:

*""The illicit cultivation of cannabis plant in Western and Central Europe, especially indoor cultivation and cultivation on a commercial scale, has continued to increase… In a study by EMCDDA of 30 countries in Europe, 16 countries indicated that indoor cultivation was the dominant method of illicit cultivation",* (4 (a) 762, p.100, ippubblikat Marzu 2013);

"Illi ghaldaqstant, in vista tal-assjem fuq indikat, din il-qorti ma tqisx li gew ghalhekk lezi d-drittijiet fundamentali rikjamati mir-rikorrenti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fuq citata u konsegwentement qed takkolji r-risposta tal-intimat fir-rigward u tirrespingi t-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu;

"B. **Rigward l-allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni *de quo***:

"1. Illi l-artikolu 5 in dizamina jirrigwarda d-dritt ghall-liberta` u sigurta` tal-persuna u sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

"i. Illi hadd m'ghandu jkun priv mill-liberta`;

"ii. Illi pero` l-istess tikkoncedi li dan jista' jsehh fil-kazijiet elenkati fl-istess artikolu u sakemm dan ikun skont procedura stabbilita mill-ligi;

"iii. Illi fost l-eccezzjonijiet li l-istess konvenzjoni tistabbilixxi hemm dik naxxenti minn detenzjoni legali ta' persuna wara dikjarazzjoni ta' htija minn qorti kompetenti;

“2. Illi hu pacifiku li l-piena inflitta fuq ir-rikorrenti giet fuqu regolarment inflitta mill-Qorti Kriminali, bis-sentenza taghha tal-5 ta’ Marzu, 2008, fuq gia` riferita, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, bis-sentenza taghha datata it-12 ta’ Marzu, 2009;

“3. Illi minn ezami akkurat tal-atti kollha processwali r-rikorrenti naqas li jipprova li l-qrati ndikati fil-paragrafu precedenti m’humiex qrati kompetenti;

“4. Illi *di piu`*, minn ezami kondott mill-qorti odjerna ta’ sentenzi simili ghal dik in dizamina f’dawn l-ahhar ghaxar (10) snin jirrizulta li l-piena komplessa nflitta fuq ir-rikorrenti hi:

“i. Kemm fil-parametri stabbiliti mill-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, (artikolu 22);

“ii. Kif ukoll fil-parametri tal-media tal-pieni nflitti f’kawzi simili f’dawn l-ahhar ghaxar (10) snin;”

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent Anthony Seychell li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“… … … tirrevoka d-digriet tat-12 ta’ Frar 2013 u tilqa’ l-istess rikors; u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu cahdet is-sottomissjoni tal-appellati illi t-talbiet tar-rikorrent huma frivoli u vessatorji, u billi tirrevoka, thassar u tannulla l-istess sentenza tal-21 ta’ Marzu 2013 in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet kontenuti fir-risposta tal-intimati, u konsegwentement tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-appellati.”

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“… … tichad l-appell in risposta u tikkonferma kemm id-digriet appellat tal-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta’ Frar 2013 kif ukoll tikkonferma s-sentenza appellata

tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dawn huma proceduri marbuta ma' proceduri kriminali li ttiehdu kontra r-rikorrent minhabba koltivazzjoni tal-pjanta cannabis. Hu ghadda guri u wara li nstab hati, il-Qorti Kriminali, b'sentenza datata l-5 ta' Marzu 2008, ikkundannatu ghal tnax-il (12) sena prigunerija u ghal multa ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000). Is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza datata t-12 ta' Marzu 2009. Ir-rikorrent qed jallega vjolazzjoni tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan minhabba l-mod, skont hu abbuziv, li gie kondott il-guri. Ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li gie akkuzat b'pussess tal-cannabis li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, meta dan ma kien minnu xejn; mid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jaghzel hu l-forum fejn jinstemgha l-kaz tieghu; dwar il-metodologija wzata biex id-droga tingieb quddiem il-gurati; dwar il-mod kif gie trattat fil-guri, il-piz u l-kwantita` tad-droga involuta u l-piena inflitta. L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi prodotti, u anke rat it-*tapes* tal-guri inkwistjoni, ma laqghetx it-talbiet tar-rikorrenti, u cahdet l-istess bl-ispejjez kontra tieghu.

Ir-rikorrenti appella mis-sentenza u bazikament ressaq ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti l-istess lanjanzi li kien issottometta ghall-ezami tal-ewwel Qorti.

Trattat l-appell, din il-Qorti tara li l-lanjanzi tar-rikorrent kollha jidhlu biex jitqiesu fil-kuntest tas-smiegh tal-guri, lanjanzi li ftit li xejn jistghu jigu kkunsidrati minn din il-Qorti darba li setghu, u fil-fatt kienu, diskussi mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti ma ghandhiex isservi bhala t-tielet grad fi smiegh ta' kaz, u jekk il-lanjanzi gia` gew

trattati u mwarrba mill-Qorti kompetenti, ma jaghmilx sens guridiku li l-istess lanjanzi jergghu jigu trattati, issa minn din il-Qorti.

Kif intqal fil-kawza **Cutajar v. Avukat Generali et**, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta’ Frar 2013:

*“Din il-Qorti tirriafferma l-principju li ma ghandhiex tigi kjamata sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qrati f’kompetenza ordinarja, u lanqas ghandha tissindaka l-apprezzament ta’ provi kif sar mill-qrati ordinarji, nkluz dik ezercitata mill-Qorti tal-Appell u dan ghaliex ir-rimedju kostituzzjonali ma huwiex u ma ghandux jigi uzat bhala xi ghamla ta` appell tat-tielet grad li mhux permess fil-ligi taghna. F`din is-sede il-kompitu ta` l-Qorti huwa li taccerta ruhha li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tutelati mill-Konvenzjoni mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-qrati l-ohra sabiex tghid kienux decizi korrettament inkella le.”*

Hekk ukoll fil-kawza **J.E.M Investments Ltd v. Avukat Generali et**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Settembru 2011, kien intqal illi:

*“… id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi <u>fil-meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.”*

F’dan il-kaz, il-lanjanzi tar-rikorrent relatati mal-akkuza indirizzata lejh, il-metodologija wzata fil-guri, il-kwantita` tad-droga u n-natura tal-piena inflitta huma kollha materji li jidhlu fil-kompetenza tal-qrati li kienu qed jittrattaw il-kaz. Il-fatt li r-rikorrent ghadu jinsisti li hu innocenti tal-akkuzi dedotti kontrieh ma jfissirx li saret xi vjolazzjoni tad-

drittijiet tieghu ghax instab hati! Hu gie akkuzat b'pussess tal-cannabis li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; ir-rikorrent ikkontesta l-akkuza bil-qawwa kollha izda ma rnexxilux jipperswadi l-gurati, lanqas fuq bazi ta' probabbilita`, li l-cannabis kien għall użu tiegħu biss. Il-fatt li fic-cirkostanzi kien hemm inverzjoni tal-provi dwar element tal-akkuża, ma jwaqqax il-presunzjoni ta' innocenza garantita mill-konvenzjoni, darba li hu kellu kull opportunita` li jipprova l-kontra ta' dak li tippresumi l-ligi f'kaz ta' certa kwantita` ta' droga (ara **Repubbblika v. Molyneaux**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' April 2005).

Ir-rikorrent kien f'posizzjoni li jikkontesta jew jirribatti l-akkuza kif migjuba kontra tieghu, u ma jistax jinghad allura li hu ma kellux smiegh xieraq. Ir-rikorrent jghid li kellu numru mdaqqas tal-pjanta tal-cannabis ghax kien juza' l-istess biex itaffi l-ugigħ f'dahru. Dan l-argument tressaq ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li, pero`, ma gewx konvinti bil-provi li ressaq ir-rikorrent. Ir-rikorrent kellu jipprova li d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu, haga li, pero`, ma ghamilx. Il-fatt li l-Avukat Generali, fid-dawl tal-kwantita` kbira tad-droga, akkuza lir-rikorrent b'pussess mhux ghall-uzu esklusiv tieghu, ma jmur xejn kontra d-drittijiet tal-akkuzat, ghax il-kwantita` kienet tforni suspett ragjonevoli ta' uzu mhux personali; l-Avukat Generali gie vindikat bid-decizjoni tal-qrati li ttrattaw il-kaz.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll dwar il-kondotta tal-guri, partikolarment meta gie akkuzat b'gidba mill-Imhallef li pressjeda l-guri. Dawn l-ilmenti, pero` gew tratti mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dik il-Qorti, ghalkemm irrimarkat li l-Imhallef li qed jippresjedi guri ghandu joqghod attent kif jesprimi ruhhu, ma sabitx li, kollox ma' kollox, kien hemm xi influwenza indebita fuq il-gurati. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba dan l-uzu ta' diskrezzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali, meta tqis kif dak l-incident gie trattat.

Li gara kien li l-akkuzat kien xehed li l-boroz tad-droga li nstabu fid-dar tieghu ma kinux issigillati, izda, meta gew esebiti, dawn dehru issigillati. L-Imhallef staqsa lill-akkuzat ghaliex, la darba l-boroz kienu ssigillati, kien gideb meta

xehed li ma kinux. Dak il-hin stess, ix-xhud qal li ghandu ma kinux issigillati u setghu gew issigilati minn haddiehor wara li ttiehdu mid-dar. Wara din l-ispjegazzjoni, l-Imhallef irrimarka “kollox sew”. Hu car li l-Imhallef, kif kellu kull dritt li jaghmel, gibed l-attenzjoni ghall-inkonsistenza apparenti fix-xhieda tal-akkuzat, izda, meta din giet spjegata, halla kollox f’idejn il-gurati biex dawn jaraw jemnux l-ispjegazzjoni tar-rikorrent. Fil-fatt, meta l-Avukat Generali pprova jaghmel kapital minn dan l-incident, l-Imhallef waqqfu u rrimarka li “l-Imhallef ma jaqbdu xejn jigdeb ghax l-Imhallef mhux se jiddeciedi xejn. Daka l-gurati jridu jiddeciduh.”

Il-kondotta tal-Imhallef giet ezaminata bir-reqqa mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u ma nstabx li l-incident, kif sehh, kellu xi effett fuq il-verdett. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tindahal f’kwistjonijiet ta’ natura proceduralі, jew dwar il-produzzjoni tal-provi, ghax hi konvinta li smiegh kollu kien wiehed korrett, u r-rikorrent kellu smiegh gust.

Dwar xi problema dwar il-kwantita` tad-droga u l-piena inflitta, din il-Qorti tirribadixxi li dawn huma kwistjonijiet ta’ prova u applikazzjoni tal-ligi u ma hemmx fiex tindahal. L-ewwel Qorti, inoltre, sabet illi l-piena inflitta kienet konformi mal-ligi u fil-parametri tal-medja tal-pieni inflitti f’kawza simili f’dawn l-ahhar ghaxar (10) snin. Ma giex muri mod iehor lil din il-Qorti.

Fir-rigward tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-ghazla tal-forum li jittratta l-kaz ta’ persuna akkuzata b’pussess ta’ droga, ir-rikorrent jaghmel referenza ghad-decizjoni li nghatat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta’ Jannar 2013, fil-kaz **Camilleri v. Malta**. F’dik is-sentenza, pero`, ma ntqalx li l-ezercizzju ta’ dik id-diskrezzjoni jista’ jwassal ghall-vjolazzjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq, izda sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u ma tat ebda rimedju. Kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Camilleri v. Avukat Generali**, b’decizjoni tal-1 ta’ Lulju 2013:

*“Ghalhekk il-process tas-smiegh tal-guri mhux per se jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, anke taht ic-cirkostanzi*

*lamentati mir-rikorrent, dejjem jekk jitmexxa b'mod gust u jaghti lill-akkuzat smiegh xieraq. Ir-rimedju f'kaz ta' sejbien ta' ksur mhux it-twaqqif jew it-thassir tal-process kriminali, cioe`, ta' dak li jkun sar bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, u kwindi l-guri f'dan il-kaz m'ghandux jitwaqqaf. Il-Qorti Ewropeja ghamlitha cara illi dak li sabet kien biss nuqqas ta' forseeability prevvist mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema nuqqas certament ma jfissirx li l-process kriminali ghandu jieqaf u ma ghandux iservi sabiex igib bhala konsegwenza l-paralizi tas-sistema gudizzjarja. Il-fatt li, skont il-Qorti Ewropeja (b'dissenting opinion tal-Imhallef Malti), l-akkuzat li allegatament wettaq ir-reat seta' ma kienx jaf il-massimu tal-piena li seta' jkun soggett ghalih jekk jinqabad u jinstab hati, ma ghandux izomm is-smiegh innifsu tal-kaz, li hija haga indipendenti mill-prevedibbilita` o meno tal-piena."*

Hemm ukoll sentenzi ta' din il-Qorti li jikkonfermaw illi din id-diskrezzjoni ma tiksirx id-dritt ta' akkuzat ghal smiegh xieraq (ara, fost ohrajn, **Porsenna v. Avukat Generali**, deciza fis-16 ta' Marzu 2012).

Dwar id-dikriet tat-12 ta' Frar 2013 li bih ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent biex l-ewwel qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tiżdied lanjanza dwar ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni, din il-qorti tosserva illi din it-talba kienet saret fil-11 ta' Frar 2013 meta l-kawża kienet ġà, fl-10 ta' Ottubru 2012, differita għall-21 ta' Marzu 2013 għas-sentenza, u għalhekk kien ġà għalaq il-ġbir tax-xiehda. Kien għalhekk eżerċizzju validu tad-diskrezzjoni tal-ewwel qorti li ma tħallix li l-kawża titwal meta kien fadal biss li tingħata s-sentenza u din il-qorti ma tarax illi hemm raġuni biżżejjed biex tiddisturba din id-diskrezzjoni. Għalhekk it-talba biex jitħassar id-dikriet tat-12 ta' Frar 2013 hija miċħuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost minn Anthony Seychell billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------